Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 2/16 AE

**Dr Enrico Depasquale (appellat)**

**vs**

**MSV Life plc (appellanti)**

14 ta' Lulju 2017.

1. **Din hija kawża għall-ħlas ta' kumpens konsistenti kemm (i) f'*car allowance* mhux perċepit, kif ukoll (ii) f'kumpens għal aġir diskriminatorju.**

2. Fir-rikors tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2013 ippreżentat quddiem it-Tribunal Industrijali, Dr Enrico Depasquale ippremetta illi tul l-impieg tiegħu mas-soċjeta` konvenuta bħala *"Legal & Compliance Officer"* fil-grad ta' *Executive Head* għalkemm kien imħallas komparabbilment bħall-*Executive Heads* l-oħra, ma ingħatax "*car allowance*" ta' €600 fix-xahar bħall-istess *Executive Heads*. Għalhekk talab lit-Tribunal jiddikjara illi t-trattament li ingħata kien bi ksur tal-Kap 452 (kumpens komparabbli għal xogħol ta' valur komparabbli) u li in oltre jikkostitwixxi aġir diskriminatorju, u fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni talab li s-soċjeta` konvenuta tiġi ordnata tħallsu kumpens (kemm fl-ammont mhux perċepit, kif ukoll f' kumpens għall-aġir diskriminatorju).

3. Fid-Dikjarazzjoni tal-Każ tagħha (li wasal fl-uffiċċju tat-Tribunal Industrijali fit-3 ta' Frar 2014) is-soċjeta intimata sostniet li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent. Qalet li mhux minnu li kien l-uniku *Executive Head* li ma kienx jieħu *car allowance*, stante li din kienet tingħata b'mod diskrezzjonali. Enfasizzat illi x-xogħol li kien jagħmel ir-rikorrent fiż-żmien li kien inkarigat bħala *Executive Head* ma kienx komparabbli max-xogħol li kienu jagħmlu l-E*xecutive Heads* li kienu jieħdu l-"*car allowance*". Kompliet tispjega illi meta imbagħad fl-2011 (sussegwenti għal ristrutturar fis-

soċjeta` konvenuta) il-grad ta' *Executive Head* ġie abolit u minfloku ġew stabbiliti l-gradi ta' *Manager* u *Senior Manager*, ir-rikorrent beda' jokkupa l-grad ta' *Manager*, liema grad ma kellu abbinat miegħu l-ebda "*car allowance*". Enfasizzat illi x-xogħol li kien jagħmel bħala *Manager* ma kienx komparabbli max-xogħol tas-*Senior Managers* li kienu intitolati għall-"*car allowance*".

4. Fid-deċiżjoni tiegħu tat-12 ta' Jannar 2016, it-Tribunal iddikjara li r-rikorrent kien ġie diskriminat meta f'Ġunju 2011 tqiegħed fil-grad ta' *Manager*, liema grad ma jġorrx miegħu il-"*car allowance"*, u konsegwentement ikkonkludiet li għal tali diskriminazzjoni għandu jiġi kkumpensat mis-soċjeta` intimata s-somma ta' **€18,000**.

5. Is-soċjeta` intimata ħassitha aggravata b' din id-deċiżjoni (nru. 2424) u għalhekk fl-20 ta' Jannar 2015 intavolat appell minn tali deċiżjoni in kwantu ordnatiliha tħallas lir-rikorrent appellat is-somma ta' €18,000.

6. **L-aggravju** tas-soċjeta` intimata jikkonsisti fil-fatt li t-Tribunal naqas li japprofondixxi, sew legalment, kif ukoll fattwalment, il-kunċett ta' ***"klassi"*** fil-kuntest ta' xogħol ta' valur ugwali prevvist mill-**Artikolu 27 tal-Kap. 452** tal-Liġijiet ta' Malta.

   (Art. 27 jistipula li ***"impjegati fl-istess klassi ta' impieg għandhom dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali."****)*

   - Is-soċjeta` intimata ssostni li t-Tribunal applika b' mod skorrett dan l-artikolu għall-fatti tal-każ u għalhekk il-konklużjoni li l-appellat kellu dritt għall-"*car allowance*" kienet żbaljata.

   - Tilmenta illi t-Tribunal, meta kien qed jevalwa l-fatti ta' quddiemu sabiex jiddetermina jekk kienx hemm diskriminazzjoni, wara li qabbel ix-xogħol tar-rikorrent ma' dak ta' impjegati oħra (anke jekk ma kinux jagħmlu xogħol bħal tiegħu) straħ fuq dik il-parti tal-Artikolu 27 dwar "*rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali*" mingħajr ma qies li tali frazi

effettivament tirreferi għal "*impjegati fl-istess klassi ta' impieg*".

- Taċċenna imbagħad għad-definizzjoni ta' "***klassi***" kif mogħtija fl-Artikolu 2 tal-Kap 452, u cioe` li:

  *"meta użata fil-kuntest ta' grupp jew kategorija ta' impjegati, għandha tinftiehem għall-gruppi jew kategoriji elenkati fil-ftehim kollettiv: Iżda fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim kollettiv, jew fejn ftehim kollettiv ma jipprovdix għal gruppi jew kategoriji ta' impjegati, allura għandha tinftiehem għax-xogħol magħmul jew mistenni li jsir indipendentement mit-titolu jew l-isem mogħti lill-kariga."* (sottolinejar tas-soċjeta` intimata)

- Targumenta li huwa paċifiku li ma kien hemm l-ebda impjegat ieħor li kien jagħmel ix-xogħol tar-rikorrent, u li ma jeżisti l-ebda ftehim kollettiv li jkopri r-rwol tiegħu, u għalhekk it-Tribunal qatt ma seta' jqabbel ir-remunerazzjoni tiegħu ma' dak ta' *Managers* jew *Executive Heads* li jagħmlu xogħol differenti minn tiegħu.

- Issostni għalhekk li ma jistax jingħad li kien hemm diskriminazzjoni.

7. Ir-rikorrent appellat fid-9 ta' Frar 2016 wieġeb biex jgħid illi l-appell għandu jiġi respint bl-ispejjeż stante li ma hemm ebda bażi biex jiġi akkolt.

   - Fl-ewwel lok jgħid li ma ġie deċiż l-ebda punt ta' dritt;

   - Fit-tieni lok, jargumenta illi *dato ma non concesso* li kien hemm punt ta' dritt li ġie deċiż meta t-Tribunal ikkonstata li r-rikorrent ġie ttrattat bi ksur td-drittijiet tiegħu, hawn ukoll l-appell tas-soċjeta` intimata ma jistax jirnexxi, peress li hija qegħda tibbaża ruħha fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 27 (li jittratta l-kunċett ta' ħlas komparabbli għal xogħol ta' valur komparabbli), filwaqt li t-Tribunal ibbaża ruħu fuq l-Artikolu 26(2)(b) li huwa iktar wiesgħa, u li jkopri l-elementi kollha ta' kundizzjonijiet ta' xogħol, inkluż l-"*allowance*" in kwistjoni.

**<u>Sfond:</u>**

8. Fl-<u>1 ta' Frar 2006</u> l-intimata impjegat lir-rikorrent Dr Enrico Depasquale;

9. Fl-<u>1 ta' Ottubru 2010</u> ġie appuntat bħala "*Legal & Compliance Officer*", liema pożizzjoni kienet fil-grad ta' ***<u>Executive Head</u>***.

10. Għalkemm kien hemm impjegati oħra fil-grad ta' *Executive Heads* li kellhom "*car allowance*", ir-rikorrent ma kellux dak il-benefiċċju.

11. Fil-frattemp is-soċjeta` intimata kienet qegħda tagħmel eżerċizzju sabiex tirrevedi l-istruttura tal-gradi u s-salarji u fil-fatt f' <u>Ġunju 2011 il-grad ta' *Executive Head* ġie abolit</u> u fost oħrajn inħolqu l-gradi ġodda ta' ***<u>Manager</u>*** (liema grad mhux intitolat għal "*car allowance*") u ***<u>Senior Manager</u>*** (liema grad huwa intitolat għal "*car allowance*").

12. <u>Fl-14 ta' Ġunju 2011</u> is-soċjeta` intimata infurmat lir-rikorrent illi wara li kienet irrevediet l-"*employment remuneration framework which consisted of the revision of all salary grades & bands, the harmonisation of all employment related benefits and the alignment of job titles with current market trends for senior staff*" ġie deċiż <u>li l-kariga tiegħu kienet se tibqa' dik ta' "***Legal & Compliance Officer***" li issa flok taqa' fil-grad ta' *Executive Head* ġiet taqa' fil-grad ta' ***Manager*** (liema grad, kif ingħad, mhux intitolat għal *car allowance*).</u>

13. <u>Fis-16 ta' Lulju 2013</u>, ir-rikorrent irriżenja mill-impieg tiegħu mas-soċjeta` intimata.

**<u>L-ilment tar-rikorrent u d-deċiżjoni tat-Tribunal:</u>**

14. Permezz tal-każ li ressaq quddiem it-Tribunal Industrijali, ir-rikorrent, **<u>b'riferenza għaż-żmien li kien inkarigat fil-grad ta' *Executive Head*</u>** (u allura jiġi li qed jirreferi għaż-żmien bejn l-1 ta' Ottubru 2010 u l-14 ta' Ġunju 2011**) <u>sostna li messu ingħata "*car allowance*" ta' €600 fix-xahar</u>**

**bħall-*Executive Heads* l-oħra** peress li bil-fatt li ma ingħatax "*car allowance*" ġie li ma kienx qed jingħata kumpens komparabbli għal xogħol ta' valur komparabbli, u konsegwentement kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu.

15. Fid-deċiżjoni tiegħu it-Tribunal qal li "ħass" illi s-soċjeta` intimata "*kienet **skużata** bejn Ottubru 2010 u Ġunju 2011 jekk fil-formolazzjoni tal-policies tagħha kienet għadha ma ddeċidietx dwar il-kwistjoni tal-gradi u lil min ser tagħti car benefit.*" (Dan il-perjodu huwa proprju l-perjodu mertu tal-każ, li tulu r-rikorrent jilmenta li sofra diskriminazzjoni bil-fatt li ma ingħatax car allowance). **Ifisser għalhekk li ma rriżultax lit-Tribunal li għall-perjodu indikat mir-rikorrent fir-rikors promutur tiegħu kien hemm diskriminazzjoni.**

16. It-Tribunal pero` mar oltre minn hekk. Żied jgħid illi **wara Ġunju 2011** (jiġifieri wara li ġie abolit il-grad ta' *Executive Head* u inħolqu l-gradi ta' *Manager* u *Senior Manager*) is-soċjeta` intimata kellha tqiegħed lir-rikorrent "*fil-grad ta' Senior Manager, b' dan li jkollu car benefit*" u peress li ma sarx hekk deherlu li s-soċjeta` intimata itrattat lir-rikorrent b'mod diskriminatorju. Għalhekk ikkalkula li s-soċjeta` intimata, bejn Ġunju 2011 u Awwissu 2013 ċaħdet lir-rikorrent minn 26 xahar ta' car allowance, li jammonta għal €15,600, u ma' din is-somma t-Tribunal żied is-somma ta' €2,400 bħala kumpens għat-trattament diskriminatorju.

**Konsiderazzjoni ta' din il-qorti:**

17. Id-deċiżjoni tat-Tribunal teżorbita ferm mill-premessi li fuqu ppernja l-każ tiegħu ir-rikorrent. Fir-rigward tal-perjodu li fih ir-rikorrent kien impjegat fil-grad ta' *Executive Head* (u cioe` ż-żmien mertu tal-każ in kwistjoni) it-Tribunal effettivament deherlu li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni, iżda imbagħad iddeċieda li s-soċjeta` intimata wettqet diskriminazzjoni meta f'Ġunju 2011 in segwitu għar-reviżjoni tal-gradi u s-salarji relattivi, fejn ġie abolit il-grad ta'

*Executive Head* li kien fih ir-rikorrent, poġġietu fil-grad ta' *Manager* flok *Senior Manager* .

18. **Issa skont il-Kap 452 appell minn deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali jista' jsir biss fuq punt ta' liġi.**

19. Is-soċjeta` intimata qed issostni li d-deċiżjoni tat-Tribunal (fejn irritijena li wara l-abolizzjoni tal-grad ta' *Executive Head*, ir-rikorrenti messu tqiegħed fil-grad ta' *Senior Manager* u mhux ta' *Manager,* u li b'hekk saret diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu) hija waħda illegali għaliex wasal għaliha <u>bl-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 27 tal-Kap 452</u>, in kwantu fiċ-ċirkostanzi kellu jinstab li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni.

20. Ir-rikorrent appellat pero`, fir-risposta tal-appell tiegħu, aċċenna għall-fatt illi t-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu ikklassifika l-ilment tiegħu taħt l-<u>**Artikolu 26(2)(b)**</u> mhux taħt l-Artikolu 27 tal-Kap 452. Fil-fatt it-Tribunal irritjena illi:

"*L-ilment tar-rikorrent jaqa' taħt l-ilmenti elenkati taħt l-Artikolu 26(2)(b) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta stante li jirrigwarda diskriminazzjoni fil-kundizzjonijiet tax-xogħol.*"

21. L-<u>**Artikolu 26(2)(b)**</u> jipprovdi illi għall-finijiet tal-Artikolu 26, "<u>trattament diskriminatorju" jinkludi:</u>

"*azzjonijiet li jgħoddu għal impjegat, termini ta' ħlasijiet jew kondizzjonijiet ta' impieg li huma anqas favorevoli minn dawk li jgħoddu għal impjegat fl-istess xogħol jew xogħol ta' valur ugwali, abbażi ta' trattament diskriminatorju*;"

22. It-Tribunal pero` deherlu illi bejn Ottubru 2010 u Ġunju 2011 meta r-rikorrent kien fil-grad ta' *Executive Head*, b' "***xogħol ta' valur ugwali"*** għal dak tal-*Executive Heads* l-oħra, nonostante li ma kellux il-"*car allowance"* bħall-*Executive Heads* l-oħra (jew uħud minnhom) <u>**ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni**</u> peress li s-soċjeta` intimata kellha titqies li kienet "skużata" minħabba li dak iż-żmien kienet fil-proċess ta' ristrutturar. L-appellat m'appellax minn din il-parti tad-deċiżjoni.

23. Issa kif ingħad, it-Tribunal għadda biex jiddeċiedi fuq il-fatt li meta saru r-reviżjonijiet tal-gradi u s-salarji u ġie abolit il-grad ta' *Executive Head*, ir-rikorrent tqiegħed fil-grad il-ġdid ta' *Manager* u mhux ta' *Senior Manager*.

24. Jekk wieħed jara id-dokument Dok NM2[1] josserva illi filwaqt li l-grad ta' ***Executive Head*** (qabel ma ġie abolit fl-2011) kellu *salary band* ta' **€29,083-€34,321**, il-gradi l-ġodda ta' ***Manager*** u ***Senior Manager*** b'effett mis-16 ta' Jannar 2012 kellhom *salary bands* ta' **€25,000-€45,000** u ta' **€35,000-€75,000** rispettivament.

25. Norman Mifsud (Chief Officer HR) fix-xiehda tiegħu[2] spjega li sussegwentement għall-istrutturar, l-uniċi gradi intitolati għal *"car allowance"* ġew li huma dawk tac-*Chief Officers* u s-*Senior Managers*. Ippreċiża li, *"Il-Managers ġew intitolati għall-'fuel allowance' biss"*.

26. Kif wieħed jista' jara mill-istess dokument Dok NM2 kien hemm impjegati li bħar-rikorrent kienu fl-istess grad ta' *Executive Head*[3] (jew saħansitra gradi anqas bħal *Senior Executive IV*[4], u *Senior Executive Manager*[5]) li wara l-istrutturar tqegħdu fil-grad ta' *Senior Manager.* Hekk per eżempju Denise Bezzina kienet Executive Head u mbagħad ingħatat il-kariga ta' Senior Manager[6], l-istess ġara fil-każ Raymond Gibson[7]. Dawn kienu nies li fis-sena 2010 bħal appellat kellhom il-grad ta' *Executive Head* u meta sar il-proċess ta' ristrutturar ingħataw il-kariga ta' *Senior Manager*.

27. It-Tribunal in vista ta' dan irritjena hekk:

> "*Dan it-Tribunal iħoss li meta r-rikorrent tqiegħed fil-grad ta' Manager mentri dawk li kienu Executive Heads tqegħdu fil-grad ta' Senior Managers, dan kien eżerċizzju li bih ir-rikorrent ġie diskriminat*".

---

[1] Fol 44
[2] xiehda ta' Norman Mifsud, fol 87 et seq
[3] Karen Pisani - li inċidentalment ma kellhiex car allowance meta kienet Executive Head bħar-rikorrent
[4] Josef Gauci
[5] Etienne Sciberras
[6] Dok. NM3 a fol. 45.
[7] Dok. NM4 a fol. 47.

28. L-appellanti tilmenta li t-Tribunal naqas milli, *"…. japprofondixxi, sew legalment kif ukoll fattwalment l-kunċett ta' klassi fil-kuntest ta' xogħol ta' valur ugwali previst mill-artikolu 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta"*. Pero' t-Tribunal ma bbażax id-deċiżjoni fuq l-artikolu 27 li tipprovdi:

*"Impjegati fl-istess **klassi** ta' impieg għandhom dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali"*.

L-appellanti għamlet ukoll riferenza għad-definizzjoni tal-kelma "klassi" (artikolu 2 tal-Kap. 452) u argumentat li mhemm l-ebda impjegat ieħor li jagħmel l-istess xogħol bħal appellat, u *"għalhekk it-Tribunal qatt ma seta' jqabbel r-remunerazzjoni tal-appellat ma' dak ta' managers jew Executive Heads l-oħra tal-appellanti li jagħmlu xogħol differenti minn dak tal-appellat"*.

29. Għaldaqstant, l-aggravju tal-appellant hu għal kollox bażat fuq l-artikolu 27 meta fid-deċiżjoni it-Tribunal Industrijali għamilha ċara li l-każ jaqa' taħt l-artikolu 26(2)(b) tal-Kap. 452. Fir-rikors tal-appell ma saret l-ebda riferenza għal dik id-disposizzjoni, li tipprovdi li trattament diskriminatorju jinkludi:

*"(b) azzjonijiet li jgħoddu għal impjegat, termini ta' ħlasijiet jew kondizzjonijiet ta' impieg li huma anqas favorevoli minn dawk li jgħoddu għal impjegat fl-istes xogħol **jew xogħol ta' valur ugwali**, abbażi ta' trattament diskriminatorju"*.

30. Li x-xogħol li kien jagħmel l-appellant kien *'of equal value'* ma' xogħol li kienu jagħmlu kollegi oħrajn tirriżulta mill-fatt li bħalhom kien jokkupa l-kariga ta' *Executive Head*. Hu veru li jidher li l-appellat kien l-uniku *Executive Head* fil-*Legal and Compliance Officer* u *Executive Heads* oħra kienu jaħdmu f'taqsimiet differenti. Pero' kien il-prinċipal stess li poġġieh fl-istess grad ma' kollegi oħra tiegħu. Fil-fatt David Curmi stess, il-kap eżekuttiv ta' MSV Life plc, xehed li l-kariga tal-appellat kienet importanti u kien jirrapporta direttament lilu. Meta fis-sena 2011 sar il-programm ta' ristrutturar tal-*grades*, l-appellant sab ruħu fi grad inqas minn kollegi oħra li bħalu kienu *Executive Heads*.

31. Kien f'dan it-tip ta' aġir li t-Tribunal sab li twettqet diskriminazzjoni kontra l-appellat, li bil-proċess ta' ristrutturar sab ruħu fi grad inqas minn oħrajn li qabel kienu fl-istess grad tiegħu. M'hemmx dubju li x-xogħol li kien jagħmel l-attur mhuwiex l-istess xogħol li kienu jagħmlu l-kollegi tiegħu li bħalu kellhom il-grad ta' *Executive Head*. Pero' hu evidenti li t-Tribunal kien sodisfatt li x-xogħol li kien jagħmel l-appellat kien xogħol ta' valur ugwali bħal kollegi oħra li minn *Executive Head* ingħataw il-kariga ta' *Senior Manager*. Wara kollox kienet l-appellanti stess li kkunsidrat li x-xogħol li kien jagħmel l-appellat kien ta' valur ugwali ma' dak ta' kollegi oħra tiegħu tant li tatu l-istess grad, ċjoe' *Executive Head*. L-appellanti ma ressqitx provi li wara l-proċess ta' *restructuring* tal-gradi kien hemm xi tibdil fit-tip ta' xogħol li beda jsir. Pjuttost ipprovat tingħata l-impressjoni li l-appellat ma ngħatax il-kariga ta' *Senior Manager* minħabba l-*performance* tiegħu. Saħanistra fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-appellanti argumentat, "*...**minħabba l-kwistjoni ta' 'performance' tiegħu, ir-rikorrenti ma ngħatax il-pozizzjoni ta' Senior Managers/Specialists jew Chief Officers** u għaldaqstant ma kellux dritt għal 'car allowance'*". Dan il-kliem hu l-aqwa ċertifikat li fir-realta' l-kariga ta' *Legal & Compliance Officer* kienet taqa' fil-grad ta' *Senior Manager/Specialists*. It-teżi dwar il-*performance* tal-appellat ma kien xejn għajr tentattiv fjakk biex il-prinċipal jiġġustifika għalfejn l-appellat ma ngħatax l-istess grad bħal impjegati oħra. L-email ta' Norman Mifsud, Chief Officer HR & Corporate Services, tal-20 ta' Awissu 2013 fiha nnifisha hi prova kontra l-impressjoni li l-prinċipal ipprova jagħti fil-konfront tal-appellat.[8] Qal sew it-Tribunal li "*... l-ispjega tal-performance batuta ma tistax ma titqiesx bħala skuża 'with hindsight' li qed tinġieb biex tiġġustifika t-trattament diskriminatorju*". F'dan ir-rigward l-appellanti tant kellha każ batut li ressqet bħala xhud lil Ylenia Micallef Grimaud, assistant tal-kap eżekuttiv, sabiex tipprova tiġġustifika li l-appellat kellu *performance* fqira. Il-provi li semmai kellha tressaq l-appellanti ma kienx din it-tip ta' prova iżda provi per eżempju ta' *warnings* jew rapporti li saru matul il-perjodu ta' impieg. L-uniku rapport li l-appellanti ppreżentat kien dak għas-sena 2012, fejn għalkemm jissemmew affarijiet li l-appellat kellu

[8] Dok. NM10.

jtejjeb jingħad li kien ser jingħata l-*performance bonus* għal dik is-sena. F'kull każ il-*performance* tal-appellant hi materja li għandha x'taqsam mal-apprezzament ta' provi li m'hemmx jedd ta' appell dwarha. Dan apparti li l-performance ta' impjegat m'għandha qatt tintuża bħala raġuni biex il-prinċipal jiddiskrimina bejn l-impjegati.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' appellanti.**

Anthony Ellul.